MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1597/2003

**Stivala Limited**

**vs**

**Brian Darmanin**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Awissu, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf u erbgha u tletin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm1034.37) rappresentanti prezz ta' merkanzija varja lilu mibjugha u ikkonsenjata fl-Exiles Waterpolo Pitch, Tower Road, Sliema

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandati ta' qbid u sekwestru kawtelatorji ipprezentati kontestwalment u bl-imghaxijiet legali dekoribbli mis-26 ta' Mejju 2003 data ta'l-invoice, kontra l-konvenut.

Wara li ra n-notaipprezentata fis-17 ta’ Ottubru 2003, li permezz taghha, it-talba attrici giet ridotta ghas-somma ta’ Lm884.37 u dana stante illi l-konvenut ghamel zewg pagamenti akkont fil-mori tal-kawza.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-17 ta’ Ottubru 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici, kif ridotta, tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ tmien mija u erbgha u tmenin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm884.37), bl-imghaxijiet legali mis-26 ta’ Mejju 2003.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandati ta’ qbid u ta’ sekwestru kawtelatorji ipprezentati kontestwalment ma’l-avviz ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------